# LAMPEDUSA

*(Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel paġ. 92)*

Il-Kursal Franċiż dam tlitt ijiem wieqaf fil-Port ta' Lampedusa, donnu kien qiegħed jistenna lil xi ħadd.

Għal din il-biċċa, in-nies li kien fadal l-art ħasbu, li dan qagħad jistenna sa kemm tiġi l-Martingana tal-Gvern ta' Malta, biex jaqbadha, billi din ta' sikwit kienet tmur għassajd f'Lampedusa. U dan basruh, billi ħasbu, li dawk il-ħames Għawdxin, li ġew miżmuma abbord tax-Xambekk, għarrfu lill-kaptan Franċiż b'din il-Martingana.

Iżda wara tlitt ijiem ix-Xambekk Franċiż telaq mill-Gżira flimkien mal-Kursal Franċiż. Miegħu ħa lil dawk il-ħames Għawdxin li kien ġabar minn Lampedusa bħala priġunieri. Qabel telaq, għarraf lin-nies tal-art, li kien bi ħsiebu jarġa' jmur meta l-qamħ isir sewwa, ħalli jieħu l-qamħ u lil dawk il-bastimenti kollha li jiġu biex igħabbuh.

Il-Martingana tal-Gvern ta' Malta li semmejna, kienet ta' sikwit tmur f'Lampedusa. Hemm tistad u tarġa' l-ura lejn Malta bil-ħut li tkun qabdet. Dil-Martingana kienet taħt il-ħsieb tal-Università tal-qmuħ, billi l-Ġurati dari kienu jieħdu ħsieb tal-ħwejjeġ kollha tal-ikel li kien jinħtieġ għall-Gżejjer tagħna.

Il-Martingana tal-Università telqet minn Malta, fit-18 ta' Lulju 1805, taħt il-kaptan Wenzu Madò, mill-Isla. In-nies ta' fuqha, barra l-kaptan, kienu l-iskrivan, Ġużè Biridò; il-gwardjan tas-Sanità, Manwel Farrugia; il-muzzo u 8 baħrin. Waslet f'Lampedusa l-għada li telqet minn Malta. Malli semgħet x'ġara fil-Gżira. telqet malajr minn hemm, biex teħles minn kull ħsara li seta' jiġrilha. Daħlet f'Malta fl-1 ta' Awwissu, u għarrfet bli ġara f'Lampedusa.

Hekk kif Salvu Gatt, li kien hawn Malta, ġie mgħarraf bil-ħsara li saritlu f'Lampedusa, għamel malajr rapport lill-Qorti. Fih xela' lil dawk il-ħames Għawdxin, billi kullħadd kien ħaseb, li huma kienu l-ħtija ta' kull ma ġara. Xlihom mhux biss fuq li ħarbu u ntagħqdu mal-egħdewwa tal-Gvern Ingliż, ma wkoll imħabba li kixfu fejn kienu moħbija dawk il-ħwejjeġ kollha li serqu l-Franċiżi. Għal dan id-delitt li għamlu, Salvu Gatt talab, biex il-Qorti tindaħal hi u titkixxef sewwa fuq dil-biċċa, ħalli meta l-ħames Għawdxin jiġu hawn, taqbadhom u tatihom dak il-ħlas li jistħoqqilhom, kif jitolbu l-Liġijiet ta' Malta. Barra minn hekk, talab ukoll, li ġġagħilhom iħallsu lil Gatt tat-telfa u l-ħsara li saritlu f'Lampedusa mill-Kursal Franċiż imħabba fihom.

Meta l-Kursal Frančiż telaq minn Lampedusa, baqa' sejjer ibaħħar għall-kors, fejn għamel tliet prejjeż. Il-bastimenti li ġew maqbuda, it-tlieta kienu bil-Bandiera Ngliża, u tnejn minnhom kienu Maltin. Waħda minnhom kienet mgħobbija bil-laħam, bil-ġild u bl-inbid; oħra bil-melħ u l-oħra kienet battala. Biex ix-Xambekk Frančiż qabad lil dawn il-bastimenti, ma għamilx nar, billi kienu żgħar u bla saħħa. Iżda billi. fl-issuktar tat-tibħir li għamel iltaqa' ma' Martingana Maltija armata sewwa għall-kors, u din ġriet warajh, il-Frančiż telaq il-bastimenti li kien qabad. Barra minn hekk, biex aktar jeħfief ħalli jkun jista' iżjed jaħrab u jeħles mill-Martingana Maltija, rema l-baħar kull ma kellu abbord, sal-kanuni. B'hekk il-Kursal Frančiż irnexxielu jaħrab minnha, u daħal fil-Port ta' Serkuża qawwi u sħiħ.

F'Serkuża l-Kursal Frančiż reġa' rama għall-kors mill-ġdid. Żied ħamsa min-nies oħra ma' li kellu, u telaq għal Taranto, fejn hemm qagħad isewwi l-bastimenti.

Fiż-żmien li l-Frančiż dam isewwi f'Taranto, waslu tliet Maltin li kienu fuq waħda Bumbarda Frančiża li kienet ġiet maqbuda. Dawn telgħu fuq il-Kursal Frančiż u baqgħu abbord tiegħu. Fuq hekk, il-kaptan niżżel l-art tlieta minn dawk l-Għawdxin li miegħu kien ħa minn Lampedusa: Karlu, Marčell u Mikiel. Dawn ġew meħuda fil-Maħżen tal-Kurantina. Abbord tal-Frančiż baqgħu Toni Camilleri u Ġużê Sultana.

Wara li l-Kursal Frančiż sewwa l-bastiment, għamel il-qlugħ, ħareġ mill-port u ġibed għal Messina. Fit-tbaħħir iltaqa' ma' tliet bastimenti Kursali Ngliżi. Dawn ġibdu għal fuqu. Il-Frančiż ħarab. Iżda l-Ingliżi baqgħu jiġru warajh u jħebbu għalieh minn fejn il-Faru ta' Messina sa l-iskâl ta' Maskari. Meta l-Frančiż kien għoddu wasal fejn l-iskâl ta' Maskari, l-Ingliżi laħqu qrib ħafna tiegħu u għamlulu ħsara kbira.

Hekk kif il-Frančiż wasal fl-iskal ta' Maskari, xi nies minn tiegħu niżlu l-art. Fuq il-bastiment ma baqgħux ħlief għaxra min-nies: Frančiżi u Ġenwiżi. Dawn baqgħu jwiegħbu għan-nar ta' l-Ingliżi. Iżda, billi waqt it-taqbida ħadet in-nar il-porvlista tax-Xambekk Frančiż, l-Ingliżi telqu u ħallew il-bastiment jaqbad waħdu. Min-nies li kienu baqgħu fuqu, tlieta mietu, u s-sebgħa l-oħra ħelsuha ħafif u niżlu l-art.

X'ħin in-nies tal-Kursal Frančiż niżlu l-art, minħabba l-kurantina ġew imdawra malajr mis-suldati Sqallin. Fiż-żmien li kienu hemm, Toni Camilleri u Ġużê Sultana,

flimkien ma' dawk it-tliet Maltin l-oħra li mbarkaw f'Taranto, kienu se'r jaħarbu, iżda s-suldati Sqallin, li mħabba l-kurantina kienu għassa magħhom, intebħu bil-ħsieb tagħhom u qabduhom. Reġgħu tawha għall-ħarba, ma' wieħed mit-tliet Maltin, jismu Salvu, minn Birkirkara, u għat-tieni darba, reġgħu nqabdu mill-ġdid. Imħabba l-ħarba tagħhom, l-Isqallin kienu se'r jagħmluhom fil-ħadid; iżda ma għamluhomx.

Wara xi erbat ijiem, għal xi s-siegħa ta' bil-lejl, reġgħu tawha għall-ħarba, flimkien ma' Salvu ta' Birkirkara. Diddarba rnexxielhom. Ġużê Sultana tela' fuq Xambekk Merkantil, ta' Gejtu tal-Kaboċċi, u ġie lejn Malta.

Dawk it-tliet Maltin l-oħra (Mikiel, Marċell u Karlu), li l-Kursal Franċiż kien niżżilhom l-art f'Taranto, għamlu kurantina ta' 21 jum. Wara ġew meħuda fil-Kastell tal-Belt. Hemm baqgħu magħluqa għal erba' xhur. Kienu biss joħorġu fil-bitħa tal-Kastell, biex jieħdu ftit tan-nifs, siegħa filgħodu u oħra wara nofs-in-nhar. Fil-Kastell kien hemm 5 priġunieri oħra. Tnejn minn dawn kienu Maltin u l-oħrajn Naplitani.

Marċell, flimkien ma' żewġ priġunieri oħra, kull jumejn kienu joħorġu mill-Kastell taħt l-għassa ta' Suldat u Surġent armati, biex imorru jġibu l-ikel għal kullħadd. Fl-aħħar, Marċell irnexxielu jaħrab. Karlu u Mikiel flimkien mażżewġ Maltin l-oħra, ħarbu bil-lejl, billi neħħew xi ġebel ta' fejn kienu magħluqa. U wara li ġrew minn Belt għal oħra, dejjem jistaqsu minn fejn igħaddu, waslu f'Messina. Minn hemm rikbu fuq Xambekk u baqgħu ġejjin lejn Malta.

Dawk il-Maltin li mill-Kursal Franċiż ġew meħuda minn Lampedusa, malli waslu Malta, ġew arrestati u mressqa quddiem il-Qorti, fuq li Salvu Gatt, sid il-Gżira ta' Lampedusa, kien xlihom li huma kienu l-ħtija tal-ħsara kollha li għamillu l-imsemmi Kursal. Iżda wara li sar il-Proċess tagħhom, il-Qorti ma sabitx fix tqabbad difrejha f'għamilhom, billi dawn qalu, li kull ma għamlu, għamluh, għax hekk kienu mġiegħla mill-Kursar Franċiż bħala priġunieri tiegħu. Fuq hekk, il-Qorti, fit-8 ta' Jannar 1805, tat is-sentenza: *Rebus sic stantibus* kontra Karlu Buttiġieġ, Toni Camilleri, Marċell Mercieca, Ġużê Sultana u Mikiel Cremona. Dawn ġew meħlusa taħt il-kundizzjoni *presentando toties quoties*, jiġifieri malli l-Qorti terġa' ssejħilhom, jagħtu ruħhom il-Ħabs, biex jerġgħu jitressqu quddiem il-Qorti.

B'din is-sentenza, il-Qorti baqgħet fis-setgħa li tista' terġa' tressaqhom quddiemha, fuq l-istess ħaġa, kull meta

trid. Iżda Salvu Gatt u l-aħwa Xuereb baqgħu bil-ħsara kollha li ġratilhom f'Lampednsa.

Salvu Gatt reġa' għammar mill-ġdid il-Gżira ta' Lampedusa b'dawk il-ħwejjeġ kollha li kienu jinħtieġu.

Dawk il-bhejjem li kienu jitrabbew f'Lampedusa, sew ukoll dawk il-qmugħ li kienu jsiru fir-raba' tagħha, kienu jiġu mibgħuta lejn Malta. Terġa' din il-Gżira kienet ukoll qegħda biex fiha jmorru jistadu xi bastimenti tal-Gvern ta' Malta. Il-ħut li jinqabad kien jinġieb hawn għall-ħtieġa tal-Maltin. Għas-sajd tal-ħut, l-Università tal-qmugħ ta' Malta, laħaq kellha żewġ bastimenti b'baħrin Maltin.

Għal dawn il-ħwejjeġ li semmejna, il-Gżira ta' Lampedusa, f'għajnejn il-Gvern Ingliż u l-Gvern ta' Malta, kienet tidher bħala ħaġa ta' kbira ħtieġa għal Gżirijietna. Imħabba f'hekk, wara dik il-ħsara kbira li fiha għamlu l-Franċiżi, ġie maqtugħ li jibagħtu hemm għadd ta' Suldati Ngliżi biex iħarsuha mill-għedewwa; kif hekk sar.

Salvu Gatt, fl-1810, daħħal sħab miegħu lil Xandru Fernandez, billi krielu biċċa minn Lampedusa.

Is-Suldati damu f'Lampedusa sakemm spiċċaw il-gwerer ta' Napuljun. Malli hdew dawn, il-Gżira ma kenitx tinħtieġ Suldati iżjed biex iħarsuha. Terġa' l-anqas ma kienet tinħtieġ iżjed lill-Gvern Ingliż. Għalhekk, b'Notifikazjoni tal-15 ta' Settembru 1814, maħruġa mill-Gvern ta' Malta, ġie mgħarraf, li l-Gvernatur kien bil-ħsieb li jneħħi, mill-Gżira ta' Lampedusa, it-Truppi u l-Munizzjon tal-gwerra li kien fiha. Dan kellu jsir bejn il-25 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 1814. Il-ħsieb tal-Gvern kien, li ma riedx jindaħal iżjed u jkollu x'jaqsam aktar mal-Gżira ta' Lampedusa.

Wara li spiċċaw il-gwerer ta' Napuljun u tneħħew is-Suldati Ngliżi minn Lampedusa, nies Salvu Gatt marru jgħammru fil-Gżira. Hemm damu għal bosta snin igħixu fil-ħemda tal-Gżira, fost il-ħaddiema li magħhom kellhom jaħdmu fir-raba'. Iżda, għall-ħabta ta' l-1841, ir-Re ta' Napli u Sqallija tefa' għajnejh fuq Lampedusa, u ried jerġa' jġibha taħt idejh. Għalhekk bagħat bastiment tal-gwerra biex jieħu l-Gżira u jqegħedha taħt is-setgħa tar-Re ta' Napli.

Meta nies Gatt ġew imgħarrfa x'kien il-ħsieb tar-Re ta' Napli, ma ridux joqogħdu għal li ried dan ir-Re. Fuq hekk, ir-rieda tar-Re ta' Napli ma għaddietx il-quddiem, u l-frejgata kellha terġa' lura lejn Sqallija.

Wara li għaddew sentejn fuq din il-mawra tal-frejgata

Naplitana f'Lampedusa, ir-Re ta' Napli reġa' tħajjar mill-ġdid biex iġib il-Gżira taħt is-setgħa tiegħu. Għaldaqshekk ħejja spedizjoni oħra, imgħaqqda minn żewġ vapuri mgħobbija b'400 Suldat, biex dawn jinżlu l-art u jieħdu Lampedusa.

Dina l-ispedizjoni telqet minn Palermu, u waslet f'Lampedusa fil-11 ta' Settembru 1843, għall-ħabta ta' nofs in-nhar. Kif il-vapuri Naplitani daħlu fil-Port, ġibdu tir ta' kanun. Ftit wara l-wasla ta' l-ispedizjoni, il-Kmandant, flimkien ma' xi fizzjali minn tiegħu, niżlu l-art. Dawn malajr staqsew għal ta' Gatt u Molinas, li Lampedusa kienet ċens għandhom.

Is-Sinjura Ġlorma Gatt, flimkien mar-raġel tagħha u l-ħaddiema Maltin, marru quddiem il-Kmandant. Dan għarrafhom, li l-Gvern ta' Napli għamel il-ħsieb li jieħu taħt idejh Lampedusa biex igħammarha bis-Suldati.

Ftit wara dan li għedna, niżlu l-art is-Suldati Naplitani. L-ewwel għamil ta' dawn kien, li niżżlu l-Bandiera Ngliża li kienet tittajjar fuq id-dar tas-Sinjura Gatt u, flokha, tellgħu l-Bandiera Naplitana. Bandiera Naplitana oħra wkoll ġiet imtellha fuq il-Kastell.

Meta s-Sinjura Gatt staqsiet lill-Kmandant, il-għaliex niżżel il-Bandiera Ngliża, li kienet ilha tittajjar is-snin fuq il-Gżira, dan ma taha l-ebda tweġiba.

Wara li tniżżlet il-Bandiera Ngliża, fil-Misraħ tal-Gżira deher fizzjal minn ta' l-ispedizzjoni. Miegħu kellu purtier. Il-fizzjal, li wera ruħu li ġie maħtur biex jieħu ħsieb ta' Lampedusa, qara d-digriet tar-Re, u fisser liema kienu d-dmirijiet tan-nies.

Id-digriet tar-Re ta' Napli kien igħid dak kollu li mill-Kmandant ta' l-ispedizjoni ġie mfisser lis-Sinjura Gatt, kif iżjed il-fuq semmejna. Barra minn hekk, kien jgħid ukoll, li jiġu mħarsa s-setgħat li Gatt u Molinas kellhom fuq Lampedusa.

Lis-Sinjura Gatt, u lin-nies li kellha magħha, qalulhom li jekk iridu, jistgħu jmorru lejn Palermu b'xejn, fuq wieħed mill-vapuri Naplitani, ħalli hemm tkun tista' turi x'ħaqqha u x'imissha. Iżda hi xtaqet li ma twarrabx minn fejn kienet, billi qrabatha ma kinux fil-Gżira.

Il-Purtier niżżel dak kollu li sab f'Lampedusa u li kien ta' Gatt u Molinas.

Is-suldati bagħtuhom igħammru fil-Kastell u f'xi Mħażen.

Iż-żewġ vapuri Naplitani, wara xi jiem, reġgħu telqu lejn Palermu.

Wara ftit taż-żmien wasal birgantin Naplitan bl-ikel għas-suldati. Waslu wkoll xi ħabsin biex jagħmlu ż-żmien tagħhom fil-Gżira. Is-suldati kellhom l-ordni, li jdawru l-Gżira minn kullimkien, u ma ġie mħolli li jinżel ħadd aktar l-art. Tliet Suldati li naqsu minn dmirhom, tawhom xebgħa frosta.

X'uħud mill-ħaddiema Maltin, billi bagħtuhom minn fuq ix-xogħol, ġew lejn Malta mas-Sinjura Gatt. Iżda r-raġel tagħha baqa' fil-Gżira ma' xi ftit Maltin, aktarx biex iħares ħwejjġu, sakemm jara kif tissewwa din il-biċċa.

Kif nies Salvu Gatt baqgħu mar-Re ta' Napli, ma sibniex; iżda minn ġrajjiet li l-lum huma magħrufa minn kullħadd, jidher, li Lampedusa spiċċat minn taħt idejn il-Maltin u baqgħet f'idejn it-Taljani. Lil nies Salvu Gatt aktarx li r-Re ta' Napli ħallashom tal-ħwejjeġ u l-ħsara li kellhom meta ġew biex telqu għal kollox minn Lampedusa. Mill-anqas hekk deher li kien il-ħsieb tar-Re ta' Napli, la darba dan qal, fid-Digriet tiegħu, li jiġu mħarsa s-setgħat li Gatt u Molinas kellhom fuq Lampedusa.

**Ġużè Gatt.**

B. N. Wara li ktibna dan, iltqajna ma' ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Maltin fuq Lampedusa. Bi ħsiebna nġibuhom f'xi għadd ieħor.